

Brussell, 9 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14148/17

ECOFIN 925
ENV 908
CLIMA 299
FIN 708

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	7 ta' Novembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-Klima - Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima (7 ta' Novembru 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament għall-Klima, adottati mill-Kunsill (ECOFIN) fit-3572 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Novembru 2017 fi Brussell.

Konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN dwar il-Finanzjament għall-Klima**Verżjoni konsolidata wara l-ECOFIN tal-7 ta' Novembru 2017**

Il-Kunsill:

1. JERĠA' JAFFERMA l-appoġġ qawwi tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-implimentazzjoni f'waqtha tal-Ftehim ta' Pariġi flimkien mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. ITENNI l-importanza li jsir progress rapidu u ambizzjuż fil-kisba tal-oġġettiv ta' trasformazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi biex il-flussi ta' finanzjament ikunu konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gass b'effett ta' serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima u l-importanza li tittieħed azzjoni, kemm b'mod individwali kif ukoll b'mod kollettiv, biex jingħata dan ir-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima. JENFASIZZA l-importanza li dan l-oġġettiv ikun rifless fl-evalwazzjoni tal-progress fil-kisba tal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, inkluż permezz tar-rendikont globali, u JESPRIMI l-ħtieġa li jiġu żviluppati metodi u modalitajiet biex jibqa' jiġi kkwantifikat il-progress fil-kisba tal-oġġettiv tal-Artikolu 2.1c tal-Ftehim ta' Pariġi.
2. JISSOTTOLINJA l-importanza li tiżdied id-disponibbiltà tal-kapital għall-investiment ekoloġiku u sostenibbli u, f'dan il-kuntest, JILQA' l-iżviluppi reċenti f'livell internazzjonali, reġjonali u nazzjonali biex tiżdied l-abbiltà tas-sistema finanzjarja li timmobilizza l-finanzjament għall-iżvilupp b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u timmaniġġa b'mod adegwat ir-riskji finanzjarji rispettivi, inkluż il-ħidma tal-Grupp ta' Studju dwar il-Finanzjament Ekoloġiku tal-G20, it-Task Force tal-FSB dwar l-Espożizzjoni Finanzjarja relatata mat-Tibdil fil-Klima, il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-Finanzjament Sostenibbli, u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi. JISSOTTOLINJA li l-ipprezzar tal-karbonju huwa komponent essenzjali ta' ambjent li jippermetti li l-investimenti jiġu orjentati lejn teknoloġiji tal-produzzjoni li jkunu ekoloġiċi u sostenibbli, u li jiġu promossi soluzzjonijiet innovattivi. F'dan il-kuntest, JAPPOĠĠA inizjattivi ta' pprezzar tal-karbonju kif ukoll inizjattivi li jippromwovu l-eliminazzjoni gradwali ta' sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u lill-ekonomija u fost l-oħrajn l-eliminazzjoni gradwali kontinwata ta' finanzjament għal proġetti b'intensività ta' emissjonijiet.

3. JIRRIKONOXXI li l-għan tal-mobilizzazzjoni kollettiva ta' USD 100 biljun kull sena sal-2020 jibqa' kontribut importanti biex tingħata spinta lill-bidla trasformattiva prevista mill-Ftehim ta' Pariġi. JERĠA' JAFFERMA li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati biex ikompli jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima, bħala parti mill-għan kollettiv tal-pajjiżi żviluppati biex b'mod konġunt jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena sal-2020 imbagħad sal-2025 għall-finijiet ta' mitigazzjoni u adattament, minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, strumenti u kanali. ITENNI li l-finanzjament pubbliku għall-klima ser jibqa' jaqdi rwol sinifikanti. JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornitur tal-finanzjament pubbliku għall-klima u jissottolinja l-ħtieġa ta' parteċipazzjoni futura minn firxa usa' ta' kontributori. IĦEĠĠEĠ lil pajjiżi żviluppati oħra li huma Parti biex iwettqu l-impenji tagħhom u jimmobilizzaw finanzjament privat favur dan l-għan kollettiv. JENFASIZZA l-importanza ta' perspettiva orjentata lejn l-eżiti dwar il-finanzjament għall-klima, li tiżgura l-akbar impatt possibbli tal-fondi pprovduti u mobilizzati.
4. JENFASIZZA r-rwol importanti tas-settur privat bħala sors ewlieni ta' finanzjament għall-klima u l-ħtieġa li jiġi mobilizzat aħjar il-potenzjal tiegħu biex jiffinanzja l-azzjoni ta' mitigazzjoni u adattament, u JINNOTA r-rwol ċentrali u meħtieġ ta' ambjent ta' politika b'saħħtu li jippermetti l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament mis-settur privat. JINNOTA li l-UE għandha fis-seħħ, u ser tkompli tiżviluppa u ttejjeb, sett wiesa' ta' strumenti biex timmobilizza finanzjament mis-settur privat għal azzjoni klimatika internazzjonali.
5. JENFASIZZA l-importanza ta' banek multilaterali għall-iżvilupp fl-ikkatalizzar tal-bidla trasformattiva prevista mill-Ftehim ta' Pariġi, inkluż permezz tat-twettiq tal-wegħdiet tagħhom rigward il-finanzjament għall-klima għall-2020. IĦEĠĠEĠ lil dawn il-banek, inkluż dawk stabbiliti reċentement, biex ikompli jżidu l-investimenti relatati mal-klima filwaqt li jużaw ir-riżorsi tagħhom b'mod aktar innovattiv u effettiv biex jimmobilizzaw il-kapital privat, u biex ikompli jallinjaw l-attivitajiet tagħhom mal-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli relatati, inkluż billi jgħinu biex fil-pajjiż jissaħħu l-kapaċitajiet ta' tfassil u implimentazzjoni ta' proġetti.

JILQA' wkoll l-isforzi ta' banek multilaterali għall-iżvilupp biex jintegraw il-konsiderazzjonijiet klimatiċi fil-portafolli kollha tagħhom, filwaqt li jaħdmu skont il-punti ta' forza u l-mandati prinċipali tagħhom stess. Għaldaqstant, JINKORAĠĠIXXI lill-banek multilaterali għall-iżvilupp biex ikomplu jnaqqsu l-finanzjament ta' impjanti tal-enerġija bil-faħam, filwaqt li jikkunsidraw l-iżvilupp attwali u l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-pajjiżi sħab tagħna. JINKORAĠĠIXXI lill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u reġjonali u lill-aġenziji tan-NU biex jipprovdu informazzjoni lill-Partijiet permezz tas-segretarjat tal-UNFCCC dwar kif jintegraw l-oġettivi dwar il-klima u jinkorporaw miżuri ta' reżiljenza għat-tibdil fil-klima fil-programmi tagħhom ta' assistenza għall-iżvilupp u ta' finanzjament għall-klima.

6. JENFASIZZA li l-qafas ta' trasparenza ser ikun fattur essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Ftehim ta' Pariġi billi jtejjeb ir-rintraċċar: (i) tal-finanzjament għall-klima; u (ii) tal-progress li sar fl-azzjonijiet ta' implimentazzjoni ppjanati fil-kontributi determinati fil-livell nazzjonali. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġi żgurat progress bilanċjat fl-aspetti kollha tal-qafas ta' trasparenza. JENFASIZZA l-importanza ta' implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tal-Inizjattiva ta' Tisħiħ tal-Kapaċitajiet għat-Trasparenza u inizjattivi oħrajn biex tissaħħaħ it-trasparenza. JILQA' l-progress sostanzjali li sar fin-negozjati tal-UNFCCC dwar il-modalitajiet ta' kontabbiltà għar-riżorsi finanzjarji pprovduti u mobilizzati u JAPPOĠĠA l-ħtieġa li jkomplu jiġu żviluppati metodoloġiji għar-rintraċċar, b'mod kredibbli, finanzjament privat mobilizzat permezz ta' interventi pubbliċi, li jippermetti aggregazzjoni filwaqt li jiġi evitat l-għadd doppju. F'dan ir-rigward, JINKORAĠĠIXXI l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' kontabbiltà għall-finanzjament privat mobilizzat li qed jiġu żviluppati mill-grupp "Riċerka Kollaborattiva" u l-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD.
7. JENFASIZZA l-importanza ta' struttura globali effiċjenti għall-finanzjament għall-klima. JIRRIKONOXXI l-kontribut importanti ta' istituzzjonijiet u l-mekkaniżmi finanzjarji internazzjonali għall-finanzjament għall-klima u JTENNI r-rieda tiegħu li jkompli jappoġġa tali istituzzjonijiet u mekkaniżmi, inkluż il-Fond Ekoloġiku għall-Klima. JENFASIZZA l-ħtieġa li tittejjeb l-effiċjenza u l-effettività, kif ukoll il-koerenza u l-komplementarjetà tal-istruttura istituzzjonali attwali għall-finanzjament għall-klima skont l-UNFCCC. JISSOTTOLINJA li dan it-titjib jippermetti li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikollhom aċċess effikaċi għall-finanzjament għall-klima biex jappoġġaw strateġiji mmexxija mill-pajjiżi li jiffavorixxu żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gass b'effett ta' serra u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

8. JENFASIZZA l-importanza li jiżdiedu r-riżorsi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet u l-appoġġ għall-ifqar pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli bħall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gżejjer Żgħar li Qed Jiżviluppaw. JIRRIKONOXXI f'dan ir-rigward, fl-10 anniversarju mit-tnedija tiegħu, il-kontributi importanti tal-Fond ta' Adattament, bħala biċċa waħda mix-xenarju usa' tal-finanzjament għall-adattament. JISSOTTOLINJA li l-UE u l-Istati Membri tagħha b'mod kollettiv qed jagħmlu, u ser ikomplu jagħmlu, sforzi biex jidderieġu parti sostanzjali mill-finanzjament pubbliku għall-klima lejn il-finanzjament għall-adattament u li l-UE diġà tappoġġa l-adattament permezz ta' diversi strumenti tekniċi u finanzjarji. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu megħjuna biex jintegraw l-oġettivi rigward il-klima fl-istrateġiji għall-iżvilupp, u b'mod partikolari biex il-konsiderazzjonijiet rigward l-adattament jiġu integrati fil-livelli kollha tal-pjanijiet ta' żvilupp.
9. JENFASIZZA l-kontribuzzjoni ta' EUR 20.2 biljun¹ fil-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima mill-UE u l-Istati Membri tagħha għas-sena 2016, żieda sinifikanti meta mqabbla mal-2015.

¹ Din iċ-ċifra tinkludi sorsi ta' finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima minn baġits pubbliċi u istituzzjonijiet finanzjarji oħra għall-iżvilupp, kif irrapportat mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013. Tinkludi wkoll EUR 2.7 biljun fil-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima mill-Baġit tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u EUR 1.9 biljun mill-fondi tal-BEI.